# It-Tkabbir tal-Knisja: Proġett Kuraġġuż

*Tagħrif meħud mit-tieni volum tal-ktieb 'Ħad-Dingli ir-Raħal li jikber u jieħu r-Ruħ ta' Patri Alexander Bonnici OFM Conv. Ippubblikat mill-Kunsill Lokali Dingli.*

Nagħmlu pass lura, u nerġgħu nħarsu lejn il-ġrajjiet ta' żmien il-kappillan Dun Karm Azzopardi. Is-sena 1950 kienet waħda ta' ferħ għall-knisja universali. Il-Papa Piju XII, fl-1 ta' Novembru, ipproklama bħala domma tal-fidi li Marija, Omm Alla, fl-aħħar ta' ħajjitha, ġisimha ma sarx trab bħal dak tal-bnedmin kollha. Hi ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u l-ġisem. Għalhekk, f'Ħad-Dingli wkoll, fejn hemm il-knisja parrokkjali hi ddedikata lil Marija Assunta, ma setgħux ma jiċċelebrawx din il-ġrajja b'mod li l-poplu nisrani jħoss rabta dejjem akbar ma' Marija, li hi l-garanzija tas-salvazzjoni tagħna. Xi viżta pastorali baqgħet issir min-naħa tal-arċisqof Gonzi. Imma m'għadniex insibu iżjed viżti bħal tal-imgħoddi meta l-isqof u l-konviżitaturi kienu jinżlu f'tant dettalji. L-arċisqof Gonzi mar għal viżta f'Ħad-Dingli fid-19 ta' Mejju tal-1955. Kienet tkun l-okkażjoni biex jamministra l-griżma tal-isqof lit-tfal.

Kien żmien meta l-kappillan Azzopardi kien qed jibda jħewden dwar il-bżonn ta' knisja akbar għax il-popolazzjoni kienet qed tiżdied dejjem iżjed. It-tkabbir tal-knisja kellu jkun l-akbar proġett ta' dan il-kappillan. Imma, waqt li l-bżonn tat-tkabbir kien ilu jinħass, ix-xogħol ma bediex minħabba bżonn urġenti li nqala'. Maġenb it-tieqa ta' fuq il-pilastru li qrib tiegħu titqiegħed l-istatwa ta' Santa Marija meta joħorġuha fil-knisja, dehru xi konsenturi kbar lil lil ħafna beżżgħuhom. Kien hemm bżonn li ssir xi ħaġa b'mod urġenti. Dun Ġwann Abela, Ġanni Farrugia, Mikiel Muscat, u Ġamri Abela kellmu lill-kappillan Azzopardi. Kollha flimkien iffurmaw kummissjoni, li ltaqgħet fid-*Domus*. Dan kien lejn l-1957. Il-kappillan kien lest li jidħol għal dak kollu li kien meħtieġ. L-ewwelnett, ġie magħżul l-arkitett Ġużè Damato ħalli jara xi ħsara kien hemm. Għas-saħħa tal-knisja, kien meħtieġ li jsiru n-navi. Meta din il-knisja li kien hemm kienet inbniet fil-bidu tas-seklu għoxrin, kienet ittellgħet b'ċertu mod li, f'każ li biż-żmien ikollha titkabbar, ma jkun hemm l-ebda problema partikulari.

Sa Mejju tal-1957, saru d-disinji u l-pjanti kollha tan-navi u l-faċċata mill-arkitett Ġużè Damato, u ġew



ippreżentati lill-pubbliku. Kien xogħol professjonali li l-perit għamlu bla ħlas. F'Ġunju tal-1957, l-arċisqof Gonzi ltaqa' mal-Kummissjoni; hu ra l-pjanti kollha, għamel l-osservazzjonijiet tiegħu, u tahom il-kunsens mixtieq ħalli jintefgħu fuq ix-xogħol. Fis-26 ta' Jannar tal-1958, inbeda x-xogħol tal-bini tan-navi u ma damx ma tlesta. Ix-xogħol fuq il-parti interna tlesta. Imma l-kappillan Azzopardi ma laħaqx jara l-faċċata l-ġdida. Mal-arkitett ħademm id f'id l-imgħallem Toni Abela minn Ħad-Dingli. Dan kellu miegħu għadd ta' ħaddiema minn Ħad-Dingli u r-Rabat. Dawn ħadmu b'dedikazzjoni kbira u, xi drabi, anki b'sogru għal ħajjithom. Minn Ħad-Dingli, ma kenux ftit il-ħaddiema li offrew li jagħtu x-xogħol ta' jdejhom bla ħlas. In-navi tal-knisja ta' Ħad-Dingli ma jaqtgħux lill-fidili li jkunu miġburin hemm minn dak li jkun qed isir fuq l-altar maġġur. Il-pilastri mhumiex wesgħin, u għalhekk dak li jkun qed isir fuq il-presbiterju jista' jiġi segwit tajjeb. Il-poplu wera ruħu ġeneruż ħafna għaliex din tal-kostruzzjoni tal-knisja kienet opra kbira, u għalhekk kienet iġġib magħha ħafna spejjeż. F'dak iż-żmien, il-ġbir u l-inizjattivi kienu kontinwi ħalli jidħlu l-fondi meħtieġa.

Ir-reġistru tal-amministrazzjonijiet tal-aħħar snin ta' Azzopardi juruna t-taħbit tiegħu biex jitħallsu l-ispejjeż ta' opra kbira. Biex wieħed ikabbar knisja jrid ikollu kuraġġ kbir. Kien qed isir ġbir kull ġimgħa. Il-bdiewa li kienu qed jiġu avviċinati mill-kappillan wrew ruħhom ġenerużi ħafna. Mill-bidu tas-sena 1958 sa żmien il-mewt tal-kappillan fl-1961, l-offerti tal-poplu qabżu l-£4000.


















*Ritratti meħuda mill-mibki Achille Abela.*
*Grazzi lis-Sur Miguel Abela u l-familja Abela li provdewlna dawn l-immaġini ta' interess u valur kbir.*